**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 15/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jonathan Camilleri Bowman**

Illum, 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Jonathan Camilleri Bowman, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 17779M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Marzu 2023, għall-ħabta ta' 14:01, fi Triq il-Kosta, Naxxar:

1. Saq vettura Nru ACU-416 mingħajr ma kienet illiċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda); u
2. Saq vettura Nru. ACU-416 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru 2023, fejn il-Qorti għaddiet sabiex tillibera lill-imputat minn kull akkuża u ħtija.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Jonathan Camilleri Bowman ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku aggravju ventilat mill-Avukat Ġenerali jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan għaliex fil-fehma tiegħu kien ippruvat illi fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni l-liċenzja tal-vettura tal-appellant ma kenitx għada ġiet imġedda u għalhekk kien qiegħed isuq mingħajr liċenzja għat-triq u kwindi bil-polza ta' assigurazzjoni li ma tkopriex tali sewqan.

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali ma jirriżultax x'kienu il-fattispeċje tal-każ u allura dak li wassal sabiex l-appellant spiċċa mħarrek sabiex iwieġeb għall-infrazzjonijiet tal-liġi indikati fiċ-ċitazzjoni. Madanakollu mill-verbal tas-seduta datata 21 ta' Novembru 2023, id-difiża ivverbalizżat illi **"ma hijiex tikkontesta il-fatt tas-sewqan mill-imputat fid-data, ħin u lok tal-komparixxi"**. Il-Qorti, għalhekk sejra tistrieħ fuq id-dikjarazzjoni magħmula volontarjament mid-difiża u ċioe' illi fid-data, ħin u lok imsemmija fiċ-ċitazzjoni odjerna, l-appellat kien qed isuq il-vettura in diżamina, liema dikjarazzjoni qatt ma ġiet ikkontestata mill-partijiet f'din il-vertenza.

Illi, *inoltre*, mill-*affidavit* redatt minn Stephen Cachia in rappreżentanza ta' *Transport Malta*, jirriżulta li "**... l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACU-416, tal-għamla Porsche Panamera, fit-12 ta' Frar 2023 kienet reġistrata fuq Jonathan Camilleri Bowman detentur tal-karta ta' l-identita' 17779M għan-nom ta' Searise Developments Ltd. Din il-vettura ilha hekk irreġistrata mit-30 t'April 2021 filwaqt**

**illi l-liċenzja tal-imsemmija vettura skadiet fil-31 ta' Jannar 2023 u ġiet rinovata fl-14 ta' Frar 2023**". Ukoll, ġiet ippreżentata polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' tal-assigurazzjoni *Atlas Insurance*, li tkopri l-perijodu bejn id-9 ta' Frar 2023 sal-31 ta' Jannar 2024. Jirrizulta li dina l-istess polza kienet tgħajjat lil "**2 specified drivers aged 30 years and over**" fosthom lill-appellat Jonathan Camilleri Bowman.

Illi, mbagħad mix-xhieda ta' Dr Alessia Zammit McKeon, in rapprezentanza ta' *Atlas Insurance*, jirriżulta li l-istess soċjeta' kienet ingħatat struzzjonijiet sabiex isir it-tiġdid tal-polza nhar id-9 ta' Frar 2023. Tixhed li pero' minħabba li kien hemm *weekend* kif ukoll pressjoni ta' xogħol ieħor, dan ir-*renewal* ġie pproċessat nhar it-13 ta' Frar 2023 u filfatt il-liċenzja ġiet ukoll rinovata dakinhar. Tispiċċa billi tgħid li l-klijent kien ġabar id-dokumenti rispettivi minn għandhom u għamel il-pagament għal dan it-tiġdid dakinhar stess, ċioe' fit-13 ta' Frar 2023.

Illi, l-Ewwel Qorti fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji iddeċidiet hekk;

> "**wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz tqis illi darba ġie ppruvat illi kienet il-kumpanija tal-assigurazzjoni li naqset, minħabba raġunijiet indipendenti mill-volonta' tal-imputat, illi ġġeddidlu l-liċenzja tal-vettura minkejja li dan kien taha struzzjonijiet sabiex tagħmel hekk (qabel id-data tal-allegat reati), m'għandux jaħti għal dan in-nuqqas l-imputat**".

Illi, l-appellant Avukat Ġenerali jargumenta illi xortawaħda kellha tirriżulta l-ħtija stante illi huwa ippruvat illi għalkemm il-liċenzja u l-polza ta'l-assigurazzjoni kienu skadew nhar il-31 ta' Jannar 2023, l-appellant kien ħa l-iżbriga biex imur iġeddidhom biss fid-09 ta' Frar 2023 u kwindi ma eżerċitax dik id-dilġenza mistennija minnu fil-liġi meta stenna sakemm dawn skadew sabiex jagħmel dak li kien fi dmir li jagħmel. Illi allura il-fatt illi s-soċjeta ta'l-assigurazzjoni damet sat-13 ta' Frar 2023 sabiex tieħu ħsieb tmexxi it-talba tiegħu għal tiġdid mal-Awtorita' dwar it-Trasport, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali dan kien jammonta għal nuqqas minn naħa ta'l-appellat u mhux tas-soċjeta' tal-assigurazzjoni li għaliha għandu iwieġeb l-appellat stess. Mhux biss, iżda, jikkontendi l-Avukat Ġenerali, illi l-appellat kellu jkun aktar għaqli u ma jsuqx il-vettura tiegħu qabel ma kellu f'idejh il-liċenzja mġedda.

Issa dak li trid tara l-Qorti meta tiġi biex tqies jekk tirriżultax il-ħtija huwa jekk mill-provi prodotti quddiemha hijiex ippruvata l-infrazzjoni tal-liġi mill-persuna akkużata bil-kummissjoni tar-reat, u mhux jekk dik il-persuna naqsitx milli teżerċita xi diliġenza, sakemm ma hijiex il-liġi stess li tinneċċessita li ssir din il-prova. Illi għall-akkużi addebitati lill-appellat allura dak li jrid jkun ippruvat mill-Prosekuzzjoni huwa jekk fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni huwa kienx qed isuq il-vettura tiegħu minghajr ma dik il-vettura kienet koperta b'liċenzja tat-triq u polza ta'l-assigurazzjoni kontra ir-riskji ta' terzi persuni *sic et simpliciter*. Illi mbagħad f'dan il-każ l-appellat iqanqal id-difiża tal-iżball jew *mistake of fact* fejn allura jinkombi fuqu li jipprova li huwa eżerċita id-diliġenza kollha sabiex jara illi jkun hemm l-osservanza tal-liġi u fejn allura in-nuqqas li seħħ kien wieħed inevitabbli u mhux dipendenti minn xi nuqqas minn naħa tiegħu.

Illi mill-provi prodotti huwa indubitat, illi fil-jum tat-12 ta' Frar 2023 il-liċenzja tat-triq (*road licence*) għal vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACU-416 ma kenitx imġedda. It-tiġdid sar fl-14 ta' Frar 2023, kif jixhed Stephen Cachia rappreżentant ta' Transport Malta[1]. Is-sewqan mill-appellat tal-vettura imsemmija, iżda, kien kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta Atlas Insurance li, skont ix-xiehda ta' Dr. Alessia Zammit Mckeon rappreżentant tal-imsemmija soċjeta', din il-polza kienet tkopri il-perijodu bejn id-09 ta' Frar 2023 sal-31 ta' Jannar 2024[2].

Jikkonsegwi għalhekk illi ma tistax tirriżulta l-ħtija għat-tieni imputazzjoni u dan għaliex huwa kkonfermat minn rappreżentant ta'l-assigurazzjoni stess illi l-polza maħruġa mis-soċjeta ta'l-assigurazzjoni kienet tali li tkopri is-sewqan tal-appellat tal-vettura ACU416 kontra ir-riskji ta' terzi persuni mid-09 ta' Frar 2023, biex b'hekk din il-kopertura kienet fuq saqajha fil-jum tat-12 ta' Frar 2023.

Illi fir-rigward tas-sewqan tal-vettura meta l-liċenzja tat-triq kienet skaduta, id-difiża tikkontendi illi dan kien riżultat ta' żball (*mistake of fact*) minn naħa tiegħu li ħaseb li l-liċenzja kienet imġedda u allura ma għandux jaħti meta ħa ħsieb it-tiġdid tal-liċenzja fil-jum tad-09 ta' Frar 2023 u kienet is-soċjeta ta'l-assigurazzjoni li ma ipproċessatx it-

---

[1] Ara Dokumenti a fols. 3, 4 u 5 tal-atti.
[2] Ara Dokument eżebit a fol.6 tal-atti.

talba għat-tiġdid minnufih ma' Transport Malta, iżda stenniet sat-13 ta' Frar biex tagħmel dan, bl-appellat isuq il-vettura tiegħu injar mill-fatt illi l-liċenzja ma kenitx għadha imġedda.

Issa kien diversi drabi deċiż[3] illi mhux kull 'żball' jew '*mistake of fact*' huwa ammess bħala difiża biex wieħed jeżimi ruħu mir-responsabilita' kriminali dwar ksur ta' xi liġi. Din l-iskużanti hija legalment ammissibbli, meta l-iżball ikun wieħed:

(a) essenzjali - li jolqot wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat u

(b) jrid ikun ukoll inevitabbli tant li għalkemm il-ġudikabbli juża' d-diliġenza u l-prudenza kollha meħtieġa, xorta waħda kien jaqa' f'dan l-istess żball.

Fis-sentenza *il-Pulizija vs. Hadrian Busietta* deċiża nhar it-28 ta' April 2010 din il-Qorti kif diversament ippresjeduta irriteniet:

> **"Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball 'essenzjali' (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina jrid ikun ukoll zball 'inevitabbli', cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali.**

Illi allura kien jinkombi fuq l-appellat, bħala l-persuna li kienet qed tapplika għat-tiġdid tal-liċenzja tal-vettura, illi jara li din l-applikazzjoni tasal għand l-awtorita' kompetenti fiż-żmien, u ċioe' qabel effettivament skadiet, u biex jara ukoll illi qabel jintenta jsuq il-vettura t-tiġdid kien fil-fatt seħħ. Fil-fatt mix-xiehda ta' Dr. Alessia Zammit Mckeon jirriżulta illi kien biss fit-13 ta' Frar 2023 illi l-appellat ġabar id-dokumenti relattivi u għamel il-ħlas dovut. Jikkonsewgi għalhekk illi dan l-iżball minn naħa ta'l-appellat kien wieħed evitabbli bl-eżerċizzju tad-diliġenza u kura ordinarja, u żgur li ma kienx inevitabbli. Dan qed jingħad għaliex l-appellat kien jaf illi l-liċenżja skadiet fil-31 ta' Jannar 2023 u ċioe' disat ijiem qabel ma iddeċieda jirrikorri għand is-soċjeta ta'l-assigurazzjoni biex iġedded kemm il-liċenzja kif ukoll il-polza ta'l-assigurazzjoni, u kwindi jerġa' jingħad illi dan l-iżball seta' kien minnu

[3] Ara Il-Pulizija vs. Rennie sive Nazzareno Agius deċiż nhar il-11 ta' Lulju 2002; 12 ta' Frar, 1999 - Il-Pulizija v. Adel Abdullah Mohammed Ghsies; The Police vs Nikolay Petrov Kirilov – 25 ta' Ottubru 2002

evitat anke billi ma jsuqx il-vettura qabel ma jkun ċert illi għandu d-dokumenti f'idejh u allura illi l-liċenzja kienet debitament imġedda u imwaħħla mal-*windscreen* skont il-liġi.

Illi allura l-Ewwel Qorti errat meta applikat din l-iskużanti favur l-appellat għall-ewwel imputazzjoni lilu addebitata billi din l-iskużanti ma tistax titqies illi hija difiża valida fiċ-ċirkostanzi.

Jingħad madanakollu illi l-appellant huwa mixli li ma ġeddidx il-liċenzja tal-vettura u mhux li din ma kellhiex liċenzja, lime tiġdid sar biss ftit ġranet wara li l-liċenzja kienet skadiet, sabiex b'hekk huwa għandu jkun misjub ħati tar-reat minuri kif hemm indikat fl-artikoli 54(2)(a), 55 tal-Kap.65 u fit-Tieni Skeda għall-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, l-aggravju tal-Avukat Ġenerali fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni jistħoqqlu akkoljiment fis-sens hawn fuq deċiż.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali parzjalment. Tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellat kien illiberat mit-tieni imputazzjoni, iżda tirrevokaha fejn illiberatu ukoll mill-ewwel imputazzjoni u minflok, wara li rat l-artikoli 54(2)(a), 55 u t-Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-appellat Jonathan Camilleri Bowman ħati ta'l-istess, iżda unikament talli ma ġeddidx il-liċenzja tal-vettura, u tikkundannah iħallas ammenda ta' €69.88.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**